**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 556/2023 GG**

**Claude Grima (KI 209574M)**

**vs.**

**Avukat Tanya Sammut u PL Nadine Farrugia nominati kuraturi deputati b'digriet tal-ewwel l-Awissu, 2023 sabiex jidhru u jiddefendu l-interessi tal-assenti Roger Cali (KI 0402567) u b'digriet tal-25 ta' Frar, 2025 l-istess kuraturi kienu estromessi u minflokhom kien ammess Paul Pisani (KI 29756M) bhala mandatarju specjali tal-assenti Roger Cali.**

Illum 27 ta' Frar, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors mahluf ta' Claude Grima ppreżentat quddiem din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2023 bis-segwenti premessi u talbiet:

Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Permezz ta' sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-tletin (30) ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet **Clifford Cauchi u martu Maria Cauchi Delia vs Invest BG Limited (C-38756) u Claude Grima, Paul Pisani, Emanuel Ellul u Roger Cali** kawża numru 955/09/1JPG(Dok. 'CG1'), l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet kif ġej:

   *"Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq, tilqa' biss l-aggravju tal-appelli dwar it-trasferiment tal-ishma fil-kumpanija estera lill-konvenuta Invest BG Ltd u tiċħad il-kumplament tal-aggravji tal-appelli tal-konvenuti. Għalhekk tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Mejju, 2017 fis-sens li kontestwalment mal-ħlas tal-ammont dovut lillatturi, l-atturi għandhom jittrasferixxu lil Dr. Kevan Azzopardi nomine l-ishma fil-kumpanija Manastiry Property Ltd a spejjeż tal-konvenuta. F'każ li mhijiex fi stat li tħallas, Dr. Kevin Azzopardi nomine qiegħed jiġi awtorizzat jillikwida l-investiment sabiex ir-rikavat jinżamm mill-kumpanija. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-ewwel Qorti."*

2. Illi għalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti fejn ikkundannat lill-intimati kollha in solidum jħallsu lura s-somma ta' erbgha u tletin elf, disa' mija u erbghin Euro u sittin centezmu (€34,940.60) [gia hmistax il-elf Liri Maltin (Lm15,000)], bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat u kif ukoll kkundannathom jħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji (Dok. 'CG2').

3. Għalhekk l-ammont dovut mill-intimati kollha ċioe' Invest BG Limited (C-38756), Claude Grima, Paul Pisani, Emanuel Ellul u Roger Cali solidament sad-data tal-pagament effettiv kien wieħed ta' tlieta u tmenin elf, mitejn, sebgħa u erbgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmi (€83,247.62c). Liema ammont ġie mħallas in toto mill-esponenti hekk kif dettaljat fl-skrittura privata datata is-sitta u għoxrin (26) ta' April 2022. (Dok. 'CG3')

4. L-ammont dovut mill-intimat Roger Cali ċioe' kwart (1/4) tal-ammont dovut in solidum minn Claude Grima, Roger Cali, Paul Pisani u Emanuel Ellul huwa dak ta' tnejn u għoxrin elf, disa' mija u tlettax-il ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€22,913.24c).

5. L-esponenti qiegħed għalhekk jeżerċita' d-dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-intimat.

6. Claude Grima [K.I. Nru. 209574(M)] jaf personalment b'dawn il-fatti.

**Raguni tat-talba**

1. Minħabba r-raġunijiet premessi, kellha ssir din il-kawża.

**Talbiet:**

**Jgħid għalhekk l-intimat 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara illi l-intimat Roger Cali huwa debitur tar-rikorrenti Claude Grima fl-ammont tnejn u għoxrin elf, disa' mija u tlettax-il ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€22,913.24c).;

2. Tikkundanna konsegwentement, għar-raġunijiet premessi, lill-intimat, sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma kumplessiva ta' tnejn u għoxrin elf, disa' mija u tlettax-il ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€22,913.24c);

Bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż legali, kontra l-intimat li minn issa jinsab inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat ir-risposta mahlufa tal-Kuraturi Deputati pprezentata quddiem din il-Qorti fil-25 ta' Lulju, 2024 bis-segwenti eccezzjonijiet:

1. Illi l-esponenti jirrilevaw illi huma talbu informazzjoni rigwardanti l-indirizz, numru tal-mobile u/jew indirizz elettroniku tal-intimat lir-rikorrent tramite email mibghuta lill-Avukat tal-Rikorrenti (**Dok. A**);
2. Illi l-esponenti ghadhom m'humiex dedotti mill-fatti tal-kaz odjern;
3. Illi ghaldaqstant huma jirrizervaw li jipprezentaw rispost ulterjuri jekk u kemm il-darba l-esponenti jirnexxilhom jkunu edotti mill-fatti.
4. Salv eccezzjonijiet ulteruri;

Rat id-dokument anness mar-risposta mahlufa;

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Frar, 2025, Paul Pisani, li assuma l-atti bhala mandatarju specjali tal-assenti Roger Cali, ammetta t-talbiet attrici f'isem l-istess assenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, u wara li kienu ezaminati l-atti, l-kawza tisthoqq li tkun deciza favur l-attur.

**Ghal din ir-raguni taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur u konsegwentement:**

1) **Tiddikjara lil Roger Cali debitur ta' Claude Grima fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, disa' mija u tlettax-il ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€22,913.24c).;**

2) **Tikkundanna lil Roger Cali iħallas lil Claude Grima s-somma kumplessiva ta' tnejn u għoxrin elf, disa' mija u tlettax-il ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€22,913.24c);**

   **L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-konvenut.**

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

---

Nicole Cini

Deputat Reġistratur